MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 22/2007/1

**Josephine Lauri, David Bonanno, Shirley Cardona, Emmanuel Bonanno, Victor Bonanno, Lilian Galea, Rita Refalo f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' hutha assenti**
**Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Maria Vella, Philip Mifsud u John Mifsud, Rose Attard, Jacqueline Balzan f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha assenti Margaret Gill, Sonia Bonello,**
**Maria Mallia, Mario Mifsud u Charles Mifsud**

**v.**

**Avukat Generali tar-Repubblika u**

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto**

**Il-Qorti:**

1.1. Dan hu appell, ghal fini ta’ revoka, minn sentenza moghtija fil-21 ta’ Jannar 2010 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellanti bl-ispejjez kontrihom.

1.2. Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, qeghda tigi riprodotta *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht.
“Il-Qorti:

“Rat ir-rikors tal-atturi, fejn dawn wara li ppremettew illi:

“Permezz ta’ citazzjoni prezentata quddiem din l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili – kif diversament ippresjeduta – fit-2 ta’ April, 1987 il-konvenuta Maria Theresa Deguara Caruana Gatto wara li ppremettiet illi hija l-proprjetarja ta’ l-ghalqa ta’ Bajdun fil-limiti ta’ Haz Zebbug tal-kejl ta’ tlett itmien hames sighan u tmien kejliet, tmiss mat-tramuntana ma’ St. Mary Street, nofsinhar ma’ sqaq San Gakbu u mill-punent ma’ art ta’ Filippu u Giovanni tal-Bilbli, jew l-eredi taghhom; illi din l-ghalqa hija posseduta mill-konvenuti – ir-rikorrenti f’dan ir-rikors – minghajr ebda titolu u qed jirrifjutaw li jizgombraw minnha; talbet lill-istess konvenuti sabiex jghidu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghalqa ta’ Bajdun fil-limiti ta’ Haz Zebbug kif fuq deskritta hija proprjeta` ta’ l-istess attrici Maria Theresa Deguara Caruana Gatto u konsegwentement illi l-konvenuti u rikorrenti f’dan ir-rikors jigu kkundannati illi jizgumbraw mill-ghalqa ta’ Bajdun fil-limiti ta’ Haz Zebbug kif fuq deskritta; u dan fit-terminu qasir u perentorju li tiffissalhom din il-Qorti. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti li kienu ngunti ghas-subizzjoni.

“Permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata fis-26 ta’ Novembru, 1987, il-konvenut Carmelo Mifsud eccepixxa: (1) Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta’ tletin (30) sena *a tenur* ta’ l-Artikolu 2248 tal-Kodici Civili; u (2) li t-talbiet attrici

huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-art imsemmija fic-citazzjoni hija ta’ l-ahwa Mifsud.

“Permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata fid-19 ta’ Jannar, 1988, il-konvenuti Dr. Joseph Azzopardi u l-P.L. Charles Vassallo f’isem l-assenti *nomine* Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud eccepew: (1) Qabel xejn l-atturi jridu jipprovaw li huma proprjetarji; u (2) Minghajr pregudizzju l-azzjoni hija preskritta *stante* li l-konvenuti ilhom jipposjedu l-ghalqa *in kwistjoni “animo domini”* ghal aktar minn tletin sena.

Permezz ta’ nota ta’ eccezzjonijiet pprezentata fis-27 ta’ Mejju, 1988, il-konvenuta Rose Attard eccepiet: (1) L-ghalqa *de quo* tappartjeni lill-aventi kawza tal-attrici (sic) Victor Mifsud u *in fatti* dejjem kienet ritenuta bhala proprjetarja tal-imsemmi defunt tant li giet denunzjata fost l-assi tieghu (Denunzja Numru 1697/79); u (2) Bla pregudizzju ghas-suespost, *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-istess attrici illi l-ghalqa *de quo* kienet *in lokazzjoni* ghand Vittorio Mifsud, ma jistghux jirnexxu t-tieni u t-tielet domanda tac-citazzjoni.

“B’sentenza tat-13 ta’ Marzu, 2001, l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili qatghet u ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti r-rikorrenti f’dan ir-rikors u dan bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici. Kopja tal-imsemmija sentenza tat-13 ta’ Marzu, 2001 qieghda tigi hawn esebita u mmarkata Dokument “A”.

“B’sentenza ta’ l-24 ta’ Settembru, 2004, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell qatghet l-Appell interpost mill-attrici f’dik il-kawza Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mis-sentenza tat-13 ta’ Marzu, 2001 billi laqghetu limitatament *in kwantu* l-Qorti ta’ l-Ewwel Grad kienet cahdet l-ewwel talba attrici, u konsegwentement irriformat is-sentenza appellata tat-13 ta’ Marzu 2001 billi irrevokata fejn din cahdet l-ewwel talba attrici u laqghet l-istess talba billi ddikjarat lill-attrici appellanti proprjetarja tal-ghalqa ta’ Bajdun fil-limiti ta’ Haz Zebbug kif deskritta fic-citazzjoni, u

kkonfermata fil-bqija. Kopja tal-imsemmija sentenza tal-24 ta' Settembru, 2004 qieghda tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument "B".

"B'sentenza tat-2 ta' Dicembru, 2005, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ddecidiet dwar ir-rikors tal-konvenuti, r-rikorrenti f'dan ir-rikors, li permezz tieghu talbu ritrattazzjoni billi cahdet it-talbiet tal-konvenuti ritrattandi bl-ispejjez kontra taghhom. Kopja tal-imsemmija sentenza tat-2 ta' Dicembru, 2005 qieghda tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dokument "C".

"Skond is-sentenza ta' l-24 ta' Settembru, 2004, tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li permezz taghha qatghet l-Appell interpost mill-attrici f'dik il-kawza Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mis-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001, l-Onorabbli Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001, kwantu din cahdet l-ewwel talba attrici billi irrevokatha fejn din is-sentenza cahdet l-ewwel talba attrici u laqghet l-istess talba billi ddikjarat lill-attrici appellanti proprjetarja tal-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz Zebbug kif deskritta fic-citazzjoni.

"Din id-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell hija motivata mill-fatt li skond l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata fis-sentenza taghha tat-13 ta' Marzu, 2001, meta striehet fuq ir-rizultanzi tar-rapporti tal-erba' periti teknici imqabbda minnha li kienu kkonkludew li l-ghalqa pretiza mill-attrici f'dik il-kawza, l-intimata Maria Theresa Deguara Caruana Gatto kienet dik indikata fil-kuntratt ta' divizjoni li in forza tieghu l-istess attrici kienet qieghda tibbaza l-ewwel talba taghha, cioe' dak li jigi dikjarat li l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz Zebbug kienet proprjeta` taghha. Skond l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha striehet fuq ir-rizultanzi tal-provi orali u dokumentarji.

"Meta ghaddiet sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ezami taghha tal-provi orali u dokumentarji l-Onorabbli Qorti tal-Appell stqarret li ma hemmx kontestazzjoni dwar liema hija l-ghalqa in kwistjoni u dan ghaliex skond l-istess Qorti ta' l-Appell, il-konvenut f'dik il-

kawza, Carmelo Mifsud jghid espressament li "*l-art imsemmija fic-citazzjoni hija ta' l-ahwa Mifsud*" u l-konvenuta f'dik il-kawza, Rose Attard, tghid li "*l-ghalqa de quo tappartjeni lill-aventi kawza tal-attrici Victor Mifsud.*" L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell izzid ukoll li meta l-konvenuti f'dik il-kawza eccepew il-preskrizzjoni akkwizittiva allura dan kien ifisser li kien hemm qbil dwar liema kienet l-art mertu tal-kawza.

"Certament li b'dan l-argument taghha, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet qieghda tinjora elementi sinjifikattivi sabiex issir il-prova tant vitali f'azzjoni rivedikatorja u cioe' dik tat-titolu fil-proprjeta` fuq l-art rivendikata. Dan l-element huwa li r-rivendikant irid juri permezz ta' prova kompleta u konkluzziva u li ma thallix lanqas l-icken dubbju li l-art rivendikata hija tieghu. Kull dubbju anke jekk huwa l-icken dubbju ghandu jmur favur il-pussessur rivedikat. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-13 ta' Marzu, 2001, l-attrici Maria Theresa Deguara Caruana Gatto ma rnexxilhiex li tipprova t-titolu originali ta' akkwist, ghax kif irrizulta mir-rapporti kemm tal-Perit Tekniku u kif ukoll tal-Periti Addizzjonali l-ghalqa li kienet qieghda tippretendi ma kinitx l-istess ghalqa deskritta fil-kuntratt ta' divizjoni li in forza tieghu l-istess attrici kienet qieghda ssostni it-titolu taghha.

"Dan kien jikkostitwixxi dubbju car u mhux zghir dwar l-identifikazzjoni ta' l-art u konsegwentement dwar it-titolu u konsegwentement tali dubbju kellu jmur favur il-pussessur rivendikat f'dak il-kaz ir-rikorrenti f'dan ir-rikors.

"Huwa car li l-agir ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell meta njorat element car u certament mhux zghir ta' dubbju marbut mal-identifikazzjoni tal-art rivendikata u qaghdet fuq stqarrijiet u eccezzjonijiet li bl-ebda mod ma setghu jew qatt setghu jigu interpretati bhala li b'xi mod eliminaw jew sinjifikattivament naqsu d-dubbju dwar l-identifikazzjoni ta' l-art – identifikazzjoni li kienet ghall-iskruttinju ta' erba' periti teknici imqabbda mill-Qorti li lkoll qablu dwar il-fatt li l-art rivedikata ma kinitx l-istess art li l-attrici Maria Theresa Deguara Caruana Gatto – jammonta

ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta` u tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` kif protetti mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u tad-dritt fondamentali ghal smiegh xieraq kif protett mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Umani.

“Talbu r-rikorrenti esponenti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

“Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq premessi gew vjolati d-drittijiet u libertajiet fundamentali taghhom kwantu.

“Ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta` u tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` kif protett taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta); u

“Ghal smiegh xieraq kif protett taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

“Tiddikjara nulla u bla effett is-sentenza tal-Appell tal-24 ta’ Settembru, 2004, fl-ismijiet “Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et vs Teresa Bonanno et” [Appell Civili Numru 277/1987/1].

“Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti esponenti kawza ta’ l-agir illegali u abbuziv ta’ l-intimati u ghad-danni morali kollha rizultanti.

“Tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni kollha hekk likwidati, bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

“Taghti kull rimedju iehor necessarju u opprtun, sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

“Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali, fejn dan eccepixxa illi:

“Preliminarjament, in kwantu r-rikorrenti qed jittentaw jaslu b’din il-procedura kostituzzjonali fejn ma rnexxielhomx jaslu permezz ta’ proceduri civili fl-appell u anke wara talba ghal ritrattazzjoni, din il-procedura hija frivola u vessatorja u l-Qorti ghandha tiddikjaraha bhala tali u tastjeni milli tismaghha. L-esponent hawn jaghmel referenza ghar-raba’ talba tar-rikorrenti u jghid bi twegiba li l-ghan tal-proceduri kostituzzjonali mhux li jservu bhala okkazzjoni ghat-tielet istanza. Ghalhekk kull tentattiv biex dawn il-proceduri jintuzaw b’dan il-mod jikkostitwixxi uzu hazin u abbuziv ta’ din il-procedura straordinarja.

“Preliminarjament ukoll u in sostenn tal-punt numru 1, jinghad li l-mertu tar-rikors kostituzzjonali, u cioe’ l-allegat zball li sar mill-Qorti fl-identifikazzjoni tal-art mertu tal-kawza originali, kien il-punt, jew ossija, wiehed mill-punti, li kien diskuss u deciz kemm quddiem il-Prim’Awla, kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell, u anke kien il-punt li fuqu kienet ibbazata it-talba ghal ritrattazzjoni. Kien proprju ghal din ir-raguni li l-Qorti tal-Appell cahdet it-talba ghal ritrattazzjoni. Fil-mertu jinghad li m’hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni, u dan minhabba r-ragunijiet segwenti.

“In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-artiklu 1 tal-Ewwel Protokol, l-esponent jissottometti li dan l-artiklu mhux applikabbli ghall-kaz in kwistjoni stante li:

“a) Dan l-artiklu jippresumi li r-rikorrent ikollu diga’ l-proprjeta` ghandu. Il-punt jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew le proprjeta` tal-art in kwistjoni tressaq quddiem il-Qorti kompetenti biex ikun deciz. Ghalhekk dan minnu nnifsu juri li r-rikorrenti kellhom biss pretensjoni fuq din l-art u ma kinitx ghandhom jew taghhom kif jitlob l-artiklu 1. Hu ukoll

manifest li oggett ma jistax jittiehed minn min m'ghandux il-pussess tieghu.

"b) Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Settembru 2004 li llum ghaddiet in gudikat, kien deciz definittivament li sid l-art msemmija fic-citazzjoni (u li kienet l-istess art li r-rikorrenti kellhom fil-pussess taghhom u li fl-eccezzjonijiet taghhom ivvantaw pretensjonijiet fuqha), hija l-intimata l-ohra f'dawn il-proceduri. Ghalhekk iktar u iktar illum ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda 'tehid mill-pussess taghhom' fis-sens tal-artiklu 1, ghaliex illum il-proprjeta`mhix taghhom.

"In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jissottomettu li dan l-artiklu ma japplikax ghall-kaz in kwistjoni stante li:

"a) L-artiklu 37(2)(h) u l-artiklu 37(2)(j) jipprovdu li dan l-artiklu ma japplikax fejn it-titlu ghall-proprjeta` jew il-pussess ikun bidel l-idejn minhabba sentenza tal-Qorti jew minhabba ligi tal-preskrizzjoni jew ligi simili. Fil-fatt fil-kaz odjern, kienet il-Qorti li ddecidiet li s-sid tal-art in kwistjoni hija l-intimata l-ohra f'din il-procedura.

"b) Apparti dawn il-proceduri fil-Qrati, ma jissussisti li sehh l-ebda 'tehid forzat' iehor, element li hu mehtieg biex dan l-artiklu jkun japplika.
In kwantu r-rikorrenti jallegaw ksur tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponent jissottometti li m'hemm l-ebda ksur ta' dawn l-artikli. Il-fatt li r-rikorrenti ma qablux ma' decizjoni tal-Qorti kompetenti li llum ghaddiet in gudikat, ma jfissirx fih innifsu li b'daqshekk, inkisrulhom id-drittijiet fundamentali taghhom. Decizjoni tal-Qorti li kellha ezitu negattiv ghar-rikorrenti, fiha nnifisha ma twassalx awtomatikament ghall-ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq. Fi kwalunkwe kaz, l-esponent jitlob li r-rikorrenti jispjegaw f'iktar dettall liema aspett ta' dawn l-artikli huma qed jallegaw ksur tieghu.

"Rat ir-risposta tal-intimata Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, fejn din eccepiet illi:

“In linea preliminari tirrileva li fost ir-rikorrenti hemm persuni assenti minn dawn il-gzejjer u ghalhekk hi ghandha d-dritt titlob li jigu esibiti l-prokuri relativi debitament awtentikati u legalizzati skond il-ligi u l-prattika normali. Inoltre, r-rikorrenti ghandhom jigu ordnati jaghtu l-indirizz ta’ kull wiehed u wahda minnhom permezz ta’ nota ghall-finijiet ta’ kull notifika ulterjuri.

“In linea preliminari ukoll l-esponenti titlob l-isfilz tad-dokumenti esibiti peress li m’humiex kopji legali u hu mpossibbli li wiehed jikkontrolla li huma awtentici.

“Preliminarjament ukoll l-esponenti tassocja ruhha mal-eccezzjoni ta’ l-Avukat Generali li l-procedura prezenti tar-rikorrenti hi manifestament frivola u vessatorja, u tissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika s-sanzjonijiet kollha stabbiliti mil-ligi ghal min jabbuza mir-rimedji proposti mil-legislatur ghall-protezzjoni genwina tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

“Ir-rikors tal-atturi huwa l-ennezimu tentattiv taghhom biex jippruvaw jisirqu proprjeta` li jafu perfettament li mhix taghhom, tant li l-eccezzjoni taghhom fil-kawza intentata mill-esponenti kienet li l-ghalqa in kwistjoni kienet saret taghhom bil-preskrizzjoni akkwizittiva.

“Ir-rikors odjern mhu xejn hlief talba ghar-ritrattazzjoni ulterjuri tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, li taghha huma kienu talbu ritrattazzjoni taht il-Kodici tal-Procedura Civili li giet michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“Ghalhekk l-esponenti m’hijiex sejra ittellef iz-zmien ta’ din l-Onorabbli Qorti billi tiddiskuti l-provi kollha li saru fil-kawza in kwistjoni li kienu gew ezawrjentement trattati fil-petizzjoni tal-appell tal-istess esponenti. Izda billi r-rikorrenti odjerni ippruvaw jimpressjonaw il-Qorti billi semmew darbtejn ir-relazzjoni ta’ ebda periti, l-esponenti ma tistax ma tirrivelax li dawk il-periti lanqas biss indunaw li l-ghalqa fiha bir, bl-iskuza li l-attrici ma kinitx indikatulhom, u kejlu l-art bhala kwadra minghajr ma taw kaz li kienet imxattra.

"Ir-rikorrenti ma kinux kapaci jsemmu lanqas cirkostanza wahda li tinkwadra ruhha fl-artikoli minnhom citati ghall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Izda wrew car li l-ilment taghhom huwa unikament li l-Qorti tal-Appell ghamlet apprezzament hazin "tal-provi orali u dokumentarji," u li l-esponenti "ma rnexxilhiex li tipprova t-titolu originali ta' akkwist," proprju meta l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:

"Issa minn ezami tal-provi prodotti u partikolarment il-kuntratt ta' divizjoni tal-14 ta' Jannar 1937, din il-Qorti hija soddisfatta *li jidher car* li l-ghalqa in kwistjoni kienet tifforma parti mill-assi ereditarju ta' Maria Gandolfo Caruana Gatto."

"U iktar tard:

"Minn dan kollu din il-Qorti hija soddisfatta li l-ghalqa in kwistjoni u cioe' dik l-ghalqa denominata ta' Bajdun tappartjeni lill-attrici billi wirtitha minghand Maria Gandolfo Caruana Gatto."

"U dana kollu wara li l-Qorti tal-Appell stabbiliet li l-provi kollha, kif ukoll l-istess eccezzjonijiet tal-konvenuti (ir-rikorrenti odjerni), kienu juru li "ghalqa ta' Bajdun *hemm wahda biss* u ma jirrizultax li kien hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar l-identita' taghha."
Ghalhekk, u ghar-ragunijiet sottomessi fir-risposta tal-Avukat Generali, m'humiex applikabbli ghall-kaz ebda wiehed mill-artikoli citati mir-rikorrenti u t-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti fit-totalita' taghhom, bl-ispejjez.

"Rat id-dokumenti esibiti.

"Semghet lid-difensuri jittrattaw.

"Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

"Ikkunsidrat illi din il-kawza hija l-aktar tappa ricenti ta' serje ta' proceduri gudizzjarji li saru bejn il-partijiet dwar l-art mertu tal-kawza. L-initmata Caruana Gatto kienet istitwiet kawza fil-konfront tar-rikorrent odjern fejn talbet

lill-Qorti tiddikjara li l-art de quo hija proprjeta` taghha u konsegwentement kienet talbet l-izgumbrament tar-rikorrent odjern mill-istess ghalqa. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet dawn it-talbiet permezz ta' sentenza tat-13 ta' Marzu 2001. Minn din id-decizjoni gie intavolat appell li gie deciz fl-24 ta' Settembru 2004 u li ddikjara li l-ghalqa de quo hija proprjeta` tal-intimata Deguara Caruana Gatto.

"Ir-rikorrenti odjerna kienu sussegwentement ressqu proceduri fejn talbu li l-kawza tigi ritrattata. Din it-talba giet michuda permezz ta' sentenza tat-2 ta' Dicembru 2005.

"Fl-isfond ta' dan l-iter gudizzjarju, ir-rikorrenti issa qeghdin jilmentaw bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif protetti fl-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta' Maltau fl-Art. 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni in kwantu ghall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` u tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` u jilmentaw ukoll bi ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-Ewwel Protocol tal-istess Konvenzjoni in kwantu ghad-dritt taghhom ghal smiegh xieraq.

"<u>Protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` u tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta`</u>

"Ir-rikorrenti odjerni jibbazaw l-ilment taghhom fuq l-apprezzament li ghamlet il-Qorti tal-Appell tax-xhieda prodotti fil-kawza u tar-rapporti li saru. F'dan il-kuntest, il-Qorti ma tistax ma tenfasizzax illi s-sede kostituzzjonali ta' dawn il-Qrati ma tistax tintuza bhala tappa ta' appell ulterjuri u cioe' ta' appell minn appell. Huwa dak li effettivament qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti permezz ta' dawn il-proceduri. Is-sentenza ta' l-Onorabbi Qorti tal-Appell m'ghogbithomx. Dan pero', ma jiggustifikax allegazzjoni ta' komportament skorrett.

"Art 37 (2) (h) tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi:

"(2) Ebda haga f'dan l-artikolu ma ghandha tiftiehem li tolqot l-ghemil jew hdim ta' xi ligi sa fejn tipprovdi ghat-tehid ta' pussess jew akkwist ta' proprjeta` -

(h) Fl-ezekuzzjoni ta’ sentenzi jew ordnijiet ta’ qrati.”

“Kieku tehid ta’ proprjeta` in forza ta’ sentenza tal-Qorti kellu jitqies bhala ksur tad-dritt fondamentali kif sancit fl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni twassal ghall-konkluzjoni li kull decizjoni ta’ dawn il-Qrati rigwardanti proprjeta` tkun miftuha ghall-proceduri kostituzzjonali, li tkun din assurdita’ estrema.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis infondat l-ilment tar-rikorrenti li huma gew privati mit-tgawdija tal-proprjeta` privata.

“<u>Nuqqas ta’ smiegh xieraq kif protett b’Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Art. 6 tal-Konvenzjoni</u>

“Ir-rikorrenti jsejsu dan l-ilment fuq il-fatt li l-Qorti tal-Appell skartat rapport tal-periti teknici minghajr ma stqarret, skond huma x’kienu l-oggezzjonijiet fir-rigward.

“Qari akkurat tas-sentenza jwassal ghall-konkluzjoni tal-infondatezza ta’ din l-allegazzjoni (Ara in partikolari pagni 13 sa 15 tal-istess).

“Il-Qorti, u dan ghar-rigward taz-zewg ilmenti tar-rikorrenti qed tikkonsidra ukoll illi:

“Permezz tan-nota taghhom tat-18 ta’ Awissu, ir-rikorrenti odjerni, fuq talba tal-Qorti intalbu jelenkaw dawk il-fatti li skond huma rrizultaw fil-lezzjonijiet minnhom ilmentati. Minn ezami akkurat ta’ dawn il-fatti jirrizulta li essenzjalment dak li jilmentaw minnhom huwa apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti tal-Appell. Ma jistghux jitqiesu mod iehor.

“Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

“L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.”

## <u>L-APPELL TAR-RIKORRENTI</u>

2.1. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u ghalhekk interponew appell minnha b'talba ghat-thassir u revoka tas-sentenza, bl-akkoljiment tat-talbiet taghhom, u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

2.2. L-aggravji tar-rikorrenti appellanti jistghu, in succint, jingabru fis-segwenti lanjanzi:

(i) L-ewwel Qorti naqset milli tifhem is-sustanza tal-ilmenti taghhom. Dawn l-ilmenti ma kenux relatati mal-aspett interpretattiv tal-ewwel Qorti izda fuq "htiega ghall-ezami u kontroll fi sfera u fl-ambitu tal-protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Individwu tal-agir tal-Onorabbli Qorti tal-Appell".

(ii) Il-Qorti tal-Appell injorat u skartat "provi skjaccanti" prodotti min-naha taghhom. Tali komportament kien kwindi leziv ghad-dritt ta' kull parti f'kawza ghal smigh xieraq u protezzjoni minn privazjoni ta' proprjeta` jew tgawdija ta' proprjeta`.

(iii) It-tielet "aggravu" jikkonsisti f'ripetizzjoni ta' dak li gia` ntqal *supra*.

(iv) L-appellanti jsostnu li gie lez l-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan peress li huma gew ipprivati ingustament mill-pussess ta' proprjeta` li kienet taghhom.

(e) Il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza moghtija fl-ewwel istanza minghajr raguni wahda valida billi strahet biss fuq "interpretazzjoni ta' kliem f'nota ta' eccezzjonijiet ta' tnejn mill-esponenti appellanti cioe` dawk ta' Carmelo Mifsud u Rose Attard".

Tali komportament ghandu jigi sindakat, isostnu l-appellati, ghaliex jilledi dawk il-garanziji insiti fid-drittijiet fondamentali.

(f) Il-Qorti tal-Appell injorat dak li rrelataw erba' periti *super partes* biex imbaghad "b'mod legger u superficjali"

qalbet dak kollu li rrizultalhom. Id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti giet ezercitata hazin u ghalhekk “ghandha tigi sindakata u sanzjonata b’rimedji appoziti … sabiex jikkonservaw jew jirripristinaw dak l-istess dritt”..

(g) Il-fatt imbaghad li l-ewwel Qorti ma tat ebda raguni ghala skartat il-provi u r-relazzjonijiet peritali surreferiti kien imur kontra d-dritt ta’ smiegh xieraq. Fic-cirkostanzi msemmija ta’ nuqqas ta’ motivazzjoni, is-sentenza emessa kienet tippekka mill-element ta’ trasparenza u b’hekk id-dritt ghas-smiegh xieraq gie effettivament u materjalment lez.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT GENERALI</u>**

3. L-appellat Avukat Generali wiegeb li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, mertu ta’ dan l-appell, hija gusta u timmerita konferma.

In succint, huwa jsostni li lanqas kien minnu, kif qalu l-appellanti, li l-Qorti tal-appell ma tatx ragunijiet ghaliex skartat rapporti tal-periti teknici. Hu jaqbel mal-ewwel Qorti li l-appellanti qeghdin biss jippruvaw jottjenu revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-espedjent ta’ kawza kostituzzjonali u konvenzjonali, meta dan m’huwiex il-kaz. Il-fatt li l-appellanti ma qablux ma’ dak li gie finalment deciz mill-Qorti tal-Appell ma jaghtihom ebda dritt li jibdew proceduri ta’ indole kostituzzjonali.

Mill-assjem imbaghad tal-*iter* procedurali johrog sufficjentement kemm il-lanjanza tal-appellanti dwar nuqqas ta’ smiegh xieraq hija infondata. Ir-rapporti tal-periti teknici huma biss parti mill-provi prodotti f’dan il-process.

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni lanqas ma hu applikabbli meta l-allegat tehid ta’ proprjeta` jirrizulta minn sentenza jew ordni ta’ qorti.

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni japplika fejn persuna ghandha gia` f’idejha dritt jew proprjeta` u

mhux meta l-ezistenza o meno ta’ dan id-dritt ghad trid tigi stabbilita.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELLATA MARIA THERESA DEGUARA CARUANA GATTO**

4. L-appellata Maria Theresa Deguara Caruana Gatto wiegbet li l-*iter* processwali f’din il-kawza juri kemm hi frivola u futili l-kawza kostituzzjonali in ezami.

Dwar l-ewwel lanjanza, fl-ewwel lok wiehed htieglu jipprova li huwa investit bil-proprjeta` tal-oggett li jkun. Issa fil-konfront tal-appellanti llum jirrizulta li hemm fil-konfront taghhom *res judicata* – li huma qatt ma kellhom il-proprjeta` tal-ghalqa in kwistjoni u li huma biss il-gabillotti taghha bhall-awtur taghhom.

Kwantu ghat-tieni kawzali dwar allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smiegh xieraq, hi taghmel riferenza ghan-nota ta’ osservazzjonijiet taghha fl-ewwel istanza u ghall-konsiderandi tas-sentenza appellata fis-sens li l-ilment imsemmi “mhu xejn hlief ilment fuq l-apprezzament tal-provi li kienet ghamlet il-Qorti tal-Appell”.

Procedura ta’ indole kostituzzjonali ma tistax tintuza “bhala tappa ta’ appell ulterjuri u cioe` ta’ appell minn appell” – kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti.

Dan hu kaz evidenti, tghid fl-ahharnett l-appellata fuq imsemmija, ghall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra l-abbuzi procedurali billi hu frivolu u vessatorju.

**FATTI TAL-KAZ**

5.1. Qabel ma tidhol biex tiddelibera dwar il-mertu tal-aggravji tal-appellanti u r-risposti moghtija ghalihom mill-appellati kif espost aktar ’il fuq, ikun utli li jinghata sfond fil-qosor tal-*iter* procedurali li wassal ghal dan l-appell.

5.2. Il-fatti fil-qosor kienu dawn:
(i) L-appellata Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, flimkien ma’ zewgha (illum mejjet) fit-2 ta’ April 1987

ipprezentat citazzjoni kontra il-konvenuti permezz ta' azzjoni rivendikatorja rigwardanti l-proprjeta` tal-ghalqa "ta' Bajdun", limiti ta' Haz-Zebbug, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Cit. Nru. 277/87 NA).

B'sentenza moghtija fit-13 ta' Marzu 2001, dik il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

(ii) L-attrici (l-odjerna appellata Deguara Caruana Gatto) appellat minn dik is-sentenza, ghal fini ta' revoka.

B'sentenza moghtija fl-24 ta' Settembru 2004, il-Qorti tal-Appell laqghet *in parte* l-appell tal-attrici billi laqghetu limitatament in kwantu l-Qorti tal-ewwel grad kienet cahdet l-ewwel talba attrici, u konsegwentement irriformat is-sentenza appellata fejn din cahdet l-ewwel talba attrici u laqghet invece t-talba attrici billi ddikjarat lill-attrici Deguara Caruana Gatto bhala proprjetarja tal-ghalqa fuq imsemmija, filwaqt li kkonfermatha fil-bqija.

(iii) Il-konvenuti appellati f'dik il-procedura (odjerni appellanti) ipprezentaw procedura ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811, subinciz (l) tal-Kap. 12.

B'sentenza moghtija fit-2 ta' Dicembru 2005 il-Qorti tal-Appell, kif diversament komposta, iddecidiet u ddisponiet mill-kawza (ara Appell Civili nru. 277/1987/2) billi cahdet it-talbiet kollha tar-ritrattandi (odjerni appellanti), bl-ispejjez kontrihom. F'dik is-sentenza, il-Qorti *inter alia* irriteniet li gej,
"L-argumenti (tar-ritrattandi) bazati fuq diskrepanzi fl-ghelieqi gew trattati kemm quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, li accettathom, kif ukoll quddiem din il-Qorti, li rrigettathom. Ma hemm xejn fis-sentenza li jindika li din il-Qorti, rat xi haga li ma kenitx fl-atti, jew ma ratx dak li jidher. Din il-Qorti ma bbazatx is-sentenza taghha fuq fatt li hu bla dubju eskluz mill-atti, izda fuq cirkostanza u dikjarazzjonijiet li jirrizultaw mill-atti u li dehrilha kienu jimmeritaw aktar attenzjoni. Il-fatt li l-Qorti tqis irrilevanti jew mhux ta' importanza ewlenija certi fatti li kellha

quddiema, ifisser li fil-fatt, il-Qorti tat konsiderazzjoni, fit-termini tal-ligi, lil dawk il-fatti. La darba, allura, il-punt kontrovers gie deciz bis-sentenza ta' din il-Qorti, ma jistax ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fit-termini tal-Artiklu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

(iv) Fil-11 ta' Mejju 2007, l-appellanti odjerni pprezentaw rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikors in dizamina, kontenenti seba' (7) talbiet (Rikors numru 22/07/AF) liema talbiet gew kollha respinti in forza tas-sentenza appellata moghtija fil-21 ta' Jannar 2010.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Din il-Qorti, in linea generali, tibda billi tosserva illi l-impostazzjoni ta' l-aggravji min-naha tal-appellanti hija decizament affetta minn ripetizzjonijiet *ad nauseam* tal-istess lanjanzi u dan fi sforz biex l-appellanti juru illi bil-mod kif il-Qorti tal-ewwel grad iddeliberat dwar il-provi akkwiziti u, aktar u aktar imbaghad, kif finalment iddecidiet il-kawza kien – skond huma – jammonta ghal ksur ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali.

Essenzjalment, l-appellanti qeghdin jikkontendu li, in konsegwenza tal-mod "legger u superficjali" li bih ipprocediet dik il-Qorti, gew lezi fl-ewwel lok kemm l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll id-dizpozittiv tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiggarantixxi d-dritt ghall-proprjeta` in kwantu li bis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004 huma gew ipprivati ingustament minn proprjeta` li kienet tappartjeni lilhom. B'effett taghha, din il-proprjeta` sfat mehuda mill-pussess li kellhom fuqha. L-appellanti in partikolari ghamlu enfasi markat fuq il-fatt li l-Qorti ta' l-Appell injorat dak li huma jiddeskrivu bhala "provi skjaccjanti" favur it-tezi taghhom, kif ukoll dak li gie relatat minn erba' periti teknici nominati appozitament mill-Qorti.

7. Din il-Qorti, wara li ezaminat dak kollu li gie sottomess mill-partijiet dwar dan l-ewwel aggravju, assolutament ma tistax tikkondividi r-ragjonament u l-ilmenti avanzati min-naha tal-appellanti. Filwaqt li Qorti tasal biex tifhem is-sens ta' dizappunt ta' parti f'kawza li ssib ruhha rinfacjata b'sentenza fit-tieni istanza li taqleb dak li jkun gie deciz fl-ewwel istanza u tmur addiritura bil-kontra ta' dak li jkun gie relatat – bhala parti mill-provi – mill-esperti gudizzjarji, pero` dan certament ma jammontax necessarjament ghal xi lezjonijiet bhal dawk citati min-naha tal-appellanti. Anzi, jekk xejn, ir-revoka li sehhet dwar it-titlu ta' proprjeta` turi, bil-maqlub allura ta' dak li qeghdin jilmentaw minnu l-appellanti, li wara kollox ma kienx minnu l-proprjeta` tal-ghalqa *de quo* kienet tassew tappartjeni lilhom. Kif insibu fl-istess Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta citat mill-appellanti (ara art. 37(2)(R) u (j)), dan l-Artikolu ma japplikax fejn it-titlu ghall-proprjeta` jew il-pussess ikun dikjarat ta' haddiehor b'effett ta' sentenza tal-Qorti jew minhabba ligi tal-preskrizzjoni jew xi ligi simili applikabbli. Li kieku, ghall-grazzja tal-argument, kellha tigi accettata t-tezi tal-appellanti jkun ifisser li l-kawzi kollha mpernjati u bbazati fuq l-azzjoni rivendikatorja – li huma numeruzi f'azzjonijiet dwar titlu ta' proprjeta` – ikunu kollha bi ksur potenzjali tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja kif zbaljatament argomentat min-naha tal-appellanti.

8. Apparti dan, fil-kaz in ezami mbaghad, in bazi tar-ragunijiet li jissemmew fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004 (ara Dok. B fol. 31 *et seq*. tal-process) gie deciz ukoll illi kwantu ghat-titlu ta' kera favur l-appellanti li dan jirrizulta, u kwindi dan ifisser li l-pussess min-naha tal-appellanti huwa kopert b'titlu legali u li certament ifisser li mhux kaz ta' xi tehid forzat u li, in forza ta' dak li gie deciz fil-mertu dwar it-titlu ta' proprjeta`, lanqas ma jidher kien hemm privazzjoni ta' proprjeta` leziva ghall-Kostituzzjoni jew ghall-Konvenzjoni.

Din il-Qorti ezaminat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Settembru 2004 u, indipendentement minn dak li gie ritenut fiha b'mod interpretativ u finalment deciz, ma rriskontrat ebda nuqqasijiet formali jew ta' procedura,

jew xi “komportament legger u superficjali” kif sostnut b’enfasi ripetuta min-naha tal-appellanti. Minbarra hekk, f’dan il-kaz, kif rajna, l-appellanti kienu anke pprezentaw procedura ta’ ritrattazzjoni b’ezitu sfavorevoli ghalihom. Fic-cirkustanzi ghalhekk jidher wisq ovvju li bl-espedjent ta’ kawza ta’ indole kostituzzjonali, l-istess appellanti qeghdin jintentaw li dak li ma ottjenewx bis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Settembru 2004 (dik fil-mertu) u l-ohra sussegwenti tat-2 ta’ Dicembru 2005 (dik b’talba ghal fini ta’ ritrattazzjoni), qeghdin ghall-ennezima darba jippruvaw mill-gdid permezz tal-odjerna procedura. Dan mhux ghajr abbuz tas-sistema gudizzjarju vigenti u bhala tali jimmerita censura.

10. Tajjeb li jigi hawn rilevat li, kif jelaboraw l-awturi Van Dijk, Van Hoof, Van Riju u Zwaak (ara *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Antwerp, Oxford,* 4th Ed., 2006, Kap 17, pag. 869), li jaghmlu wkoll riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Stram Greek Refineries and and Stratis Andereadis** tat-18 ta’ Novembru, 2004,
“Furthermore, the right on interest can only constitute a ‘possession’ if it is sufficiently established to be enforceable. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. A person complaining of an interference with his property right must show that such right existed.”

Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kull kumment iehor dwar l-ewwel aggravju, fid-dawl tas-suespost, ikun superfluwu.

9. It-tieni u l-ahhar aggravju, li fil-fatt l-appellanti jippruvaw “jghaggnuh” flimkien ma’ l-ewwel aggravju, anke per via ta’ ripetizzjonijiet tal-istess punti, huwa dak li b’konsegwenza tal-mod (“komportament”) procedurali skorrett li gie segwit mill-Qorti tal-Appell u stante “nuqqas ta’ motivazzjoni” u “trasparenza” fis-sentenza emessa, id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq kif iggarantit mill-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea surreferita gie lez u dan in-nuqqas ukoll issarraf fil-

privazzjoni tal-proprjeta` kif allegat minnhom taht l-ewwel aggravju.

Issa fis-sentenza appellata, b'riferenza ghal dan l-aggravju, l-ewwel Qorti kellha dan xi tghid qabel ma rrespingiet l-istess ilment,
"Permezz tan-nota taghhom (l-appellanti) tat-18 ta' Awissu (recte 13 ta' Awwissu 2008, ara fol 146-168, koperta b'nota tat-18 ta' Awwissu 2008), ir-rikorrenti odjerni, fuq talba tal-Qorti intalbu jelenkaw dawk il-fatti li skond huma rrizultaw fil-lezjonijiet minnhom ilmentati. Minn ezami akkurat ta' dawn il-fatti jirrizulta li essenzjalment dak li jilmentaw minnhom huwa apprezzament tal-provi li ghamlet il-Qorti tal-Appell. Ma jistghux jitqiesu mod iehor."

Din il-Qorti ezaminat mill-gdid dik is-sentenza kif ovvjament ghamlet l-ewwel Qorti, u waslet ghall-istess konkluzjoni. F'dik is-sentenza (ara Dok. B, fol. 31-47 tal-process) – ghalkemm din il-Qorti certament sejra tevita milli timbarka fuq spedizzjoni li m'hijiex fil-mansjonijiet taghha – jidher car aktar milli sufficjentement, kemm dik il-Qorti affrontat u ddeliberat b'mod approfondit il-punti li kellha tiddeciedi dwarhom, u li hija elenkat bhala li kienu tlieta, jigifieri,

(a) il-kwistjoni tal-identita` tal-art;
(b) il-kwistjoni tat-titolu tal-atturi;
(c) il-preskrizzjoni akkwizittiva vantata mill-konvenuti.

Ezami akkurat ta' din is-sentenza juri li dik il-Qorti hadet kont – u mhux injorat kif gie allegat – l-aspetti teknici tal-vertenza rigwardanti l-prova tat-titlu. Fil-fatt mhux biss insibu riferenza ghar-rapporti peritali (ara fol 44) imma fiha jinghad ukoll, ghalkemm b'mod pjuttost mhux wisq espansiv li, f'kawza bhax-xorta in ezami, jigifieri wahda ta' natura rivendikatorja,
"Kwistjonijiet ta' kejl, ta' irjahat jew rikonoxximent tal-ghalqa *in situ* huma sekondarji darba ma kien hemm ebda kontestazzjoni fuq liema kienet l-art …" (fol. 45 tal-process, fol. 15 tas-sentenza)."

Fi kliem iehor, wiehed jista' jkollu fehma differenti minn dak li gie fil-fatt ritenut, imma din hija biss u merament

kwistjoni ta' interpretazzjoni u xejn aktar. Din il-Qorti ma ssib xejn irregolari fil-"komportament" tal-Qorti ta' l-Appell. Anzi tajjeb li jigi osservat, fatt li dwaru gia` sar accenn ghalih, li dik il-Qorti ma laqghetx l-appell *in toto* tal-attrici (odjerna konvenuta Maria Theresa Deguara Caruana Gatto) ghaliex ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza tal-prim istanza dwar it-titlu ta' kera spettanti lill-konvenuti (l-odjerni appellanti).

11. Din il-Qorti inoltre jirrizultalha li l-ilmenti dwar "nuqqas ta' motivazzjoni" u "trasparenza" u "komportament legger" attribwiti mill-appellanti lill-Qorti tal-Appell fir-rigward tas-sentenza moghtija minnha gew mistharrga mill-gdid mill-Qorti tal-Appell fil-procedura sussegwenti ta' ritrattazzjoni u l-ezitu kien wiehed negattiv ghall-appellanti ritrattandi. Din il-Qorti, ghalkemm kif gia` kkummentat *supra* l-imsemmija Qorti tal-Appell ma hassitx li ghandha telabora fit-tul dwar l-aggravji kienet sufficjentement cara u esplicita fir-ragunijiet li inducuha biex tirriforma l-ewwel sentenza, billi tilqa' parti mill-aggravji tal-appellanta (attrici f'dik il-kawza) dwar it-titlu ta' proprjeta`. Kif jghallmu l-awturi Van Dijk et al. (Op. cit. Kap. 10, fol. 595) fir-rigward tad-dritt ghal smiegh xieraq,
"… an additional element of 'fair hearing' is the requirement that the judicial decision must state the reasons on which it is based. The extent to which the requirement applies depends on 'the nature of the decision' and can only be assessed in the circumstances of each individual case… It is clear that the court is not obliged to give a detailed answer to every argument (see the judgment of 19 April 1994 Van de Hurk) When a motivation is lacking altogether, the remedies provided for are likely to become illusory …".

Issa, kif rajna, fil-kaz in ezami, indipendentament mill-punt dwar jekk wiehed jaqbilx maghha jew le, il-Qorti tal-Appell effettivament tat ir-ragunijiet taghha ghaliex kienet tqis aspetti ta' kejl u teknikalitajiet ohra bhax-xorta moghtijin mill-periti gudizzjarji fir-rapporti taghhom bhala ta' natura sekondarja, u x'kienu wkoll "per contro" dawk ir-ragunijiet li inducuha biex tirrevoka totalment dik il-parti tas-sentenza appellata dwar it-titlu ta' proprjeta` minn kif deciz

fl-ewwel istanza.  Ghalhekk l-inistenza ripetuta ta’ agir skorrett leziv ghad-dritt ta’ smiegh xieraq huwa manifestament infondat.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata u tichad ghalhekk l-appell tal-konvenuti, u in vista tan-natura fiergha u vessatorja tal-appell interpost, u wara li ssir riferenza ghall-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda tikkundanna lill-appellanti *in solidum* li jhallsu lill-appellati l-ispejjez gudizzjarji ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------